# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju, 2019**

**Numru 13**

**Rikors numru 723/18 MCH**

**Emanuel Micallef**

**v.**

**Clint Żammit**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat Clint Żammit minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħad it-talba magħmula mill-imsemmi Clint Żammit (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") b'rikors tiegħu tad-29 ta' Novembru, 2018, biex tħassar '*contrario*

*imperio*' d-degriet tagħha tat-22 ta' Novembru, 2018, li bih ordnat li mill-atti tal-kawża titneħħa r-Risposta Maħlufa mressqa mill-appellant fid-19 ta' Novembru, 2018, billi l-appellant kien meqjus li waqa' kontumaċi, u biex issib li dik il-kontumaċja kienet ġustifikabbli u għalhekk tħallih jikkontesta l-kawża;

2. Għal din it-talba, l-attur Emanuel Micallef (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") laqa' b'Risposta mressqa fit-30 ta' Novembru, 2018, li biha ta r-raġunijiet għaliex l-ewwel Qorti ma messhiex tilqa' t-talbiet tal-appellant ladarba l-kontumaċja tiegħu kienet waħda kolpuża;

3. L-ewwel Qorti tat provvediment (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-deċiżjoni appellata") fis-6 ta' Diċembru, 2018 li bih qalet hekk:

> "*Il-Qorti wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet hi riffaċjata b'verżjonijiet konfliġġenti dwar meta il-konvenut jista' jitqies notifikat bir-rikors ġuramentat.*
>
> *"Tibda biex jingħad illi l-fatt li fl-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni li sar f'Awwissu, 2018 l-attur odjern ippreżenta kopja informi tar-rikors ġuramentat ma jwassalx għal konklużjoni li saret notifika skond il-liġi meta l-affissjoni skond l-atti saret aktar minn xahrejn wara l-atti tal-inibizzjoni.*
>
> *"Jibqa' għalhekk x'jiġi ikkunsidrat dak li xehed il-marixxal u dak li allega l-konvenut.*
>
> *"Il-Qorti ma tiddubitax li l-marixxal għmel xogħlu kif imiss. Mill-banda l-oħra l-konvenut u x-xhud residenti fl-istess blokka jikkonfermaw bil-ġurament illi ma raw ebda dokument affiss ħlief fl-ewwel ta' Novembru, 2018.*
>
> *"Jingħad ukoll illi l-affissjoni saret f'ambjent pjuttost pubbliku u l-Qorti m'għandhiex ċertezza morali li tali dokument seta' baqa' mwaħħal biex il-konvenut ikollu l-opportunità il-konvenut li jaraha hu.*

*"Mdankollu l-liġi fil-fehma tal-Qorti hi ċara, tessiġi affissjoni u pubblikazzjoni uit-terminu jibda jgħaddi għar-risposta ġuramentata wara l-pubblikazzjoni.*

*"Il-fatt tal-affissjoni u pubblikazzjoni ma huma bl-ebda mod kontradetti. Il-konvenut kull ma jgħid hu li ma ra xejn ħlief meta sab l-att fl-ewwel ta' Novembru, 2018. L-iskop tal-affissjoni u pubblikazzjoni huma intiżi biex jipprovdu ċertezza ta' notifika u fiċ-ċirkostanzi din iċ-ċertezza ġiet pruvata;*

*"Għalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-konvenut pero' l-Qorti trid tapplika l-liġi kif inhi u m'għandhiex tassumi diskrezzjoni lil-liġi ma tathiex.*

*"Għalhekk il-Qorti tiċħad it-talba tal-konvenut għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u tiddikjara il-konvenut kontumaċja* (sic) *f'dawn il-proċeduri*";

4. Fil-11 ta' Diċembru, 2018, l-appellant ressaq rikors quddiem l-ewwel Qorti li fih, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talabha tħallih jappella mid-deċiżjoni appellata;

5. Fid-19 ta' Diċembru, 2018, l-appellant ressaq ir-Rikors tal-Appell tiegħu li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti (i) tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti mogħtija fl-ismijiet premessi nhar is-6 ta' Diċembru, 2018, fit-termini tal-aggravji hemm imressqa; (i) tqis b'hekk in-notifika tal-konvenut bħala waħda invalida u mhux skond il-liġi; (iii) fin-nuqqas, tqis li dak premess jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' r-rikors tiegħu tad-29 ta' Novembru, 2018, u tħallih jikkontesta l-kawża billi tordna li r-Risposta Maħlufa mressqa fid-19 ta' Novembru, 2018, terġa'

titħalla tiddaħħal fl-atti tal-kawża; u (iv) tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tkompli tisma' l-kawża;

6. B'degriet mogħti kameralment fl-4 ta' Jannar, 2019[1], l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-appellant li jappella mid-deċiżjoni appellata;

7. B'rikors imressaq fl-10 ta' Jannar, 2019, u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissra, l-appellant talab lill-ewwel Qorti terġa' taħsibha dwar id-degiet tagħha tal-4 ta' Jannar, 2019, u tawtorizżżah jappella mid-deċiżjoni appellata;

8. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talba għar-rikonsiderazzjoni b'degriet mogħti *in camera* fl-4 ta' Frar, 2019[2];

9. L-intimat appellat ressaq ir-Risposta tiegħu għall-appell fit-8 ta' Jannar, 2019, li permezz tagħha huwa qal li dak l-appell tressaq ħażin u ma jiswiex għaliex ma ngħatax il-permess għaldaqshekk mill-ewwel Qorti u, f'kull każ, ladarba l-ewwel Qorti ċaħditlu t-tlba bid-digriet tagħha tal-4 ta' Jannar, 2019, dak li tressaq bħala appell baqa' ma jiswiex. Fil-mertu, laqa' billi qal li ladarba n-notifika tal-atti tal-kawża saru kif kellhom isiru u skond dak li trid il-liġi, ma kienx hemm raġuni tajba għaliex l-

[1] Paġ. 90 tal-proċess
[2] Paġ. 101 tal-proċess

ewwel Qorti kellha ssib li l-kontumaċja tal-appellant kienet waħda skużabbli u tħallih jikkontesta l-kawża;

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tal-21 ta' Mejju, 2019;

11. Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawża;

12. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

13. Illi ladarba għall-appell li tressaq quddiemha tqajmet eċċezzjoni tas-siwi tal-appell innifsu, din il-Qorti sejra qabel kull ħaġ'oħra tqis din il-kawżali tas-**siwi tal-appell**. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif intwera aktar qabel, l-appellat kien talab lill-ewwel Qorti tħallih jappella mid-deċiżjoni appellata, iżda ressaq dan l-appell qabel ma dik l-istess Qorti tat il-fehma tagħha dwar it-talba li għamlilha. Minbarra dan, b'degriet li tat l-ewwel Qorti wara li dan l-appell kien diġà tressaq, dik il-Qorti ċaħdet it-talba tal-appellant. L-imsemmija baqgħet iżżomm dik il-fehma wkoll wara li l-appellant talabha biex terġa' taħsibha. Għalhekk, jekk il-Qorti ssib li l-appellant għandu raġun jgħid li l-appell tallum huwa irritu, ma

jkunx meħtieġ li l-Qorti tgħaddi biex tqis l-aggravji tal-appellant mid-deċiżjoni appellata;

14. Illi ma hemm l-ebda dubju – u l-partijiet jaqblu dwar dan ukoll – li provvediment bħalma hija d-deċiżjoni appellata dwar jekk parti f'kawża waqgħetx kontumaċi hija sentenza u mhux sempliċi degriet[3]. Minħabba li d-deċiżjoni appellata ngħatat fi stadju bikri tas-smigħ tal-kawża u mhux flimkien mal-mertu tal-azzjoni mibdija mill-appellat, biex isir appell minnha l-parti riedet tħares dak li tgħid il-liġi. Minbarra dan, l-ewwel Qorti għadha qiegħda tisma' l-kawża fuq il-mertu tat-talbiet attriċi;

15. Illi l-liġi fl-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tipprovdi dwar kif u f'liema ċirkostanzi jista' jitressaq appell minn sentenza *in parte* meta jgħid:

> "*(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*
>
> *"Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ. .. ..* ";

[3] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Mizzi et noe vs Emanuel Navarro*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.250**)

16. Illi ma hemm l-ebda dubju li għalkemm l-appellant kien għarraf lill-ewwel Qorti minnufih mal-għoti tad-deċiżjoni appellata li kien fi ħsiebu jirregola ruħu biex jappella minnha, u għalkemm kien ressaq talba espressa f'rikors biex l-ewwel Qorti tħallihjappella minn dik id-deċiżjoni, l-appell tressaq bla ma ngħata dak il-permess. Mhux hekk biss, imma meta l-ewwel Qorti qieset it-talba, ċaħditha;

17. Illi waqt it-trattazzjoni tal-appell id-difensur tal-appellant qal li, fuq l-iskorta ta' sentenzi mogħtijin minn din il-Qorti stess[4], ma kellu l-ebda għażla ħlief li jipproċedi biex iressaq l-appell kladarba ż-żmien ta' għoxrin ju li tagħti l-liġi kien għaddej. Il-Qorti tqis li appell minn sentenza *in parte* li ma tkunx temmet il-kawża huwa preordinat għall-permess mogħti mill-qorti li tkun tat dik is-sentenza. Appell imressaq mingħajr dak il-permess – kemm jekk ma jintalabx u kif ukoll jekk, minkejja li jintalab, ma jingħatax – ma jiswiex[5]. Madankollu, kif inhi l-liġi llum, iż-żmien biex isir appell bħal dak ma jibdiex għaddej mid-data li tkun ingħatat is-sentenza li minnha l-parti tkun tixtieq tappella, imma minn dakinhar li jingħata l-permess. Għalhekk, dak li jargumenta l-appellant ma jirriflettix dak li trid il-liġi u wisq anqas jissana dak li sar mingħajr ma tħarsu l-ħtiġijiet proċedurali minnha mitluba;

---

[4] B'mod partikolari huwa semma s-sentenza ta' din il-Qorti tat-**3.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Olga Aġius et***

[5] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Cutajar vs J. Lautier Co. Ltd.***

18. Illi huwa stabbilit ukoll li din il-Qorti ma tindaħalx fid-diskrezzjoni mħaddma minn qorti tal-ewwel istanza dwar jekk tippermettix li jsir appell minn xi sentenza *in parte*[6]. F'dan il-każ, l-ewwel Qorti tat provvediment motivat dwar it-talba tal-appellant biex tħallih jappella mid-deċiżjoni appellata u dan wara li semgħet x'kellu x'jgħid l-attur appellat. Jibqa' l-fatt li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba biex isir l-appell;

19. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-preġudizzjali tan-nullità u l-irritwalità tal-appell imqajma mill-attur appellat hija mistħoqqa u qiegħda ssib li l-appell ma jiswiex;

20. Illi għalhekk, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ l-aggravji mqajma mill-appellant dwar is-siwi tan-notifika (li, fis-sewwa, hija ħaġ'oħra mill-istat ta' kontumaċja) lilu tal-ati tal-kawża u wkoll dwar l-istat kontumaċjali ġustifikat jew kolpuż tiegħu fil-kawża;

***Decide***

21. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appelli billi:

---

[6] App. Ċiv. **13.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***McKenna Mintoff pro et noe vs Caruana et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.1052**)

Filwaqt li tilqa' l-preġudizzjali preliminari tal-attur appellat, **tiddikjara** li l-appell imressaq mill-intimat appellant bħala proċeduralment irritu, null u mingħajr effett għaliex tressaq bi ksur ta' dak li trid il-liġi fl-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tordna** li l-intimat appellant iħallas l-**ispejjeż** marbuta ma' dan l-episodju; u

**Tordna** lir-Reġistratur biex jibgħat lura l-atti tal-kawża lill-ewwel Qorti biex tkompli tisma' l-kawża fil-mertu.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm